

Brussell, 10 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0651 (NLE)

12017/25
ADD 1

LIMITE

JAI 1141
ASILE 71
MIGR 278
COEST 616

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna -Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mill-Ungerija.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

dwar

ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna

L-Ungerija tinsab fuq in-naħa tal-paċi u l-assistenza umanitarja, u naqblu li hija meħtieġa koordinazzjoni miftiehma biex tgħin lil benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja Ukreni jirritornaw f'pajjiżhom malajr kemm jista' jkun wara li tintemm il-gwerra. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna tipprovdi punt tat-tluq tajjeb għal dan, iżda tappella wkoll għall-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li għadhom ma ġewx żviluppati biżżejjed. Il-kunċett ta' Ċentru ta' Unità fil-forma attwali tiegħu jinvolve għadd ta' riskji għas-sigurtà li mhumex biss perikolużi għall-Istati Membri li jistabbilixxu dan iċ-Ċentru fit-territorju tagħhom, iżda jistgħu wkoll ikunu ta' theddida għas-sigurtà tal-Unjoni kollha kemm hi jekk l-awtoritajiet ta' pajjiż terz jiksibu aċċess għal informazzjoni relatata ma' persuni mogħtija l-protezzjoni fit-territorju tal-Unjoni.

Għalhekk, l-Ungerija ser tastjeni milli tadotta r-rakkomandazzjoni. Il-pożizzjoni tal-Ungerija hija ċara: neħtieġu minnufih paċi dejjiema u r-ritorn ordnat ta' benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja Ukreni f'kundizzjonijiet li jqisu l-interessi tagħhom.
